

#25 sena fostna

# L-Aħwa Zammit...

Charles Galea Scannura

Ġietni kurżità nfittex ftit min kien Fra Giuseppe Zammit l-aktar ukoll minħabba li dan kellu ħuh, Patri Arkanġelo, li wkoll kellu xi rabta ma' Ħal Balzan. Waqt li wieħed baqa' magħruf fl-istorja medika Maltija l-ieħor baqa' magħruf barra minn xtutna għall-ħidma missjunarja. Ħuhom ieħor kien kanonku ta' Birkirkara.

## Fra Giuseppe

Għalkemm hu indikat li Fra Giuseppe Zammit twieled il-Belt fit-18 ta' Marzu 1650 u mgħammed l-għada fil-parroċċa tal-Portu Salvu, kellu rabta ma' Ħal Balzan. Kien wild koppja Balzanija, Pietru Zammit u Katrin xebba Borg. (Bezzina, p. 28) Kien studja t-Taljan, il-Latin, il-kitbiet klassiċi, il-Matematika u l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-Belt. Ġie ordnat saċerdot f'Mazzara del Vallo, Sqallija, fid-29 ta' Settembru 1675 meta kellu 25 sena.

Għall-patrimonju tal-ordinazzjoni kienu ħasbulu l-qraba tiegħu Ġovanni u Primizja Zammit. (Borg, p. 648) Fl-età ta' 27 sena ssieħeb fl-Ordni ta' San Ġwann bħala Kappillan Konventwali tal-Ubbidjenza bit-titlu ta' San Pawl il-Baħar. Mar barra biex jistudja l-mediċina.

Kien magħruf għall-karattru reliġjuż li kellu. Kien imsieħeb fil-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-




Franġiskani fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Belt li tagħha kien magħruf ukoll bħala benefattur. (Aquilina, p. 319) Baqa' msemmi bħala tabib eċċellenti (Vella, p.13). Wara l-pesta tal-1675, li fiha kienu mietu madwar 10,000 ruħ, il-Gran Mastru Nikola Cotoner, fuq suġġeriment tiegħu, waqqaf l-Iskola tal-Anatomija fis-Sagra Infermerija u Zammit ġie maħtur l-ewwel professur tal-anatomija u l-kirurġija.

## Twaqqif ta' Skola tal-Anatomija u Kirurġija

Fid-19 ta' Diċembru 1676, il-Gran Mastru Cotoner ħabbar fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ordni li minn flusu kien se jwaqqaf Skola tal-Anatomija u Kirurġija fis-Sagra Infermerija, l-isptar tal-Ordni. Kien mistenni li l-livell ta' tagħlim u taħriġ ikun għoli: setgħu jattendu għall-kors dawk biss li kienu jafu jaqraw u jiktbu. F'dak iż-żmien it-tagħlim tal-anatomija u kirurġija kien teoretiku. Fl-1682 ġie ffissat li l-kors ikun ta' għaxar snin biex jassigura li l-aħjar nies ikunu kwalifikati.

Kien Zammit li ppropona lill-Gran Mastru biex jistabilixxi akkademja medika biex tgħin lit-tobba jkomplu jistudjaw billi perjodikament jiltaqgħu biex jiddiskutu l-mard li kien jitfaċċa fil-pajjiż. Il-Gran Mastru Cotoner waqqaf din l-akkademja fl-1679. Zammit kien ġie maħtur bħala l-ewwel 'Principe dell'Accademia' jew president u direttur fl-età ta' 33 sena. Din kienet tqiegħdet taħt il-patroċinju tal-Gran Ospedalier. Il-laqgħat bejn it-tobba kienu jsiru kull nhar ta' Ħamis fis-sala fejn Zammit kien ġabar biblijoteka medika. (Vella, p.13) Zammit ippresieda dawn il-laqgħat bejn il-1679 u 1694. (Farrugia Randon, p.42)

Gaetano Reboul isejjaħlu wkoll fundatur u benefattur tal-librerija tal-isptar. Dil-biblijoteka li kien ħalla fis-Sagra Infermerija, wara ġiet trasferita fil-bini tal-Camerata u fl-1797 fil-Biblijoteka Pubblika. Mhux magħruf li ħalla xi pubblikazzjonijiet u l-manuskritti tiegħu ntilfu. (Cassar, p. 438) Iżda manuskritt tiegħu, "Elogia Illustrium Melitensium", ġie ppubblikat minn Antonio Schembri fl-istamperija Cumbo fl-1855. (Aquilina, p. 581)

Il-Gran Mastru Gregorio Carafa (1680-1690) ħatru membru tal-Kulleġġ Mediku tas-Sagra Infermerija, l-għola unur li seta' jingħata lil tabib



*Dan il-Kwadru jinsab fil-Knisja Parrokkjali fil-Kappellun tal-Kurċiffis.*

f'Malta dak iż-żmien. (Cassar, p. 437) Hu serva bħala Protomediku jew tabib prinċipali lil ħames Gran Mastri.

**Botanista eminenti**

Zammit kien ukoll meqjus bħala botanista eminenti. Biex jiffaċilita l-istudji fil-mediċina, fl-1690 kien ħallas minn butu biex fil-foss ta' Sant Iermu jkun hemm ġnien botaniku biex jitkabbru u jiġu studjati pjanti mediċinali u jsir tagħlim prattiku. Dan il-ġnien sar magħruf bħala "il giardino dei semplici". L-istudenti kienu jmorru hemm jistudjaw il-botaniku fil-vaganzi. (Vella, p.13) Aktar tard fl-1805 dal-ġnien ġie trasferit fil-Furjana fil-ġnien tal-Mall u sar parti fil-Ġnien Sarria n-naħa tax-xellug tal-knisja.

Minħabba li Zammit kien ukoll għalliem tal-botanika, hu probabbli li fl-1676 bdiet ukoll skola tal-farmaċija. Baqa' msemmi wkoll li introduċa l-istudju tal-kemistrija u ta' lezzjonijiet prattiċi u wkoll għal taħlita ta' *sulphate sodium* magħrufa bħala *Zammit salt*. (Cassar p. 497)

**Rabta ma' Ħal Balzan**

Meta kellu tmienja u sittin sena, bena dar ħdejn il-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Id-dar kien skoprieha Dun Ġwann Dimech fl-1980. Fiha żewġ skrizzjonijiet bil-Latin li Fra Giuseppe Zammit kien kiteb fl-1717 biex ifakkar il-mistrieħ li xtaq isib meta kien kiber. (Dimech, p. 352-354) Miet ta' disgħin sena fit-2 ta' Ottubru 1740 u ndifen quddiem l-altar ta' San Pawl l-Ewwel Eremit fil-kappella tal-Kurċifiss. (Bezzina, p. 29) Werrieta tiegħu kien hemm Agata Farrugia u n-neputijiet tiegħu. Kien ħalla wkoll għadd ta' kwadri ritratti ta' nies magħrufa lill-Kulleġġ tal-Ġiżwiti. (Vella, p.13) Fl-1741 in-neputijiet tiegħu qiegħdu lapida ta' rħam bi skrizzjoni bil-Latin fuq il-qabar tiegħu. Żmien wara, fl-1952, din il-lapida tqiegħdet fuq in-naħa ta' wara tal-altar tal-kor tal-parroċċa.

**Rabta mal-altar ta' San Pawl l-Ewwel Eremit**

Ta' min ifakkar li fl-1686, Zammit kien ta biċċa art bl-obbligu li jkunu ċċelebrati sitt quddisiet letti fl-ottava tal-festa ta' San Pawl l-Ewwel Eremit fuq l-altar iddedikat lil dan il-qaddis. Dan l-altar kien twaqqaf fil-knisja l-qadima. Fl-1601 Lorenzo Borg li kien waqqaf dan l-altar, kien ta għalqa fl-Imrieħel biex tipprovdi għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa bi primi vespri u quddiesa, mixegħla tal-lampier fil-Ħdud u festi solenni u kulma kien meħtieġ. (Borg, p.1018)

Hawn ta' min jinnota li fis-16 ta' Ottubru 1711 meta l-altar tal-Kurċifiss ġie trasferit fl-altar faċċata ta' dak tal-Madonna tar-Rużarju, kien Fra Giuseppe li talab biex l-altar ta' San Pawl l-Ewwel Eremit jiġi trasferit għal post fejn hu llum fil-knisja parrokkjali l-ġdida. It-talba tiegħu ntlaqgħet fit-30 ta' Ottubru 1711. Il-familja Zammit kellhom rabta partikulari ma' dan l-altar: fl-1673-1676 u fl-1684-1698 il-Kanonku Bernardino Zammit, ħu Fra Giuseppe, kien prokuratur tiegħu u kienu wkoll prokuraturi tiegħu Pietru Zammit fl-1677-1680, Katerina Zammit fl-1681-1683 u Fra Giuseppe bejn l-1699 u l-1740.

Fl-14 ta' Frar 1714 permezz ta' att notarili għand in-nutar Gużeppi Callus, Fra Giuseppe u oħtu Clara Magro ħallew beni lill-familja Bosio bl-obbligu perpetwu li jingħataw 12-il skud u 8 tarì fis-sena għal tmien quddisiet letti fuq dan l-altar li Fra Giuseppe kien jieħu ħsieb. Fil-Viżta Pastorali tal-Isqof Rull fl-1758 kien irrapportat li l-altar kien ġuspatronat ta' Agata Farrugia, werrieta ta' Fra Giuseppe, u li fil-ġnub tal-altar kien hemm skolpiti l-armi tal-kunjom tiegħu. (Dimech, p.106-107)

**Il-Kanonku Zammit**

Il-Kanonku Bernardino kien ħu Fra Giuseppe. Kien twieled il-Belt u ġie mgħammed fil-parroċċa

tal-Portu Salvu fil-25 ta' Mejju 1643. Kien ordnat saċerdot f'Ruma fis-27 ta' Novembru 1669 u b'ittra appostolika datata 30 ta' Lulju 1670 kien ingħata kanonika fil-Kapitlu ta' Birkirkara. Wara kiseb il-lawrija ta' UID, dottorat fil-liġi. (Borg, p. 644)

Kellu ukoll rabta ma' Ħal Balzan. Apparti li għal xi żmien kien prokuratur tal-altar ta' San Pawl l-Ewwel Eremit, fl-1708 kien innutat bħala wieħed mill-benefatturi għax-xiri tal-'qanpiena l-kbira' għall-kampnar. Baqa' magħruf bħala l-awtur ta' trattat manuskritt, *"Notizie della Vita di Michele Oliverio, Girolamo Cassar e Gabriele Rosset, Maltesi"*, li għadu jinsab fil-Biblijoteka Nazzjonali. Miet fid-dar ta' ħuh fis-27 ta' Ġunju 1717 u ndifen f'Birkirkara.

## Patri Arkanġelo

Patri Arkanġelo kien ħu ieħor ta' Fra Giuseppe. Patri Ġorġ Aquilina jindika li dan kien twieled f'Ħal Balzan, ca. 1646 u li daħal fl-Ordni Franġiskan fl-1661. Probabbli li għamel l-istudji tiegħu fil-Kunvent tal-Franġiskani fejn mill-1667 kien hemm Studju Ġenerali tat-Teoloġija.

Jekk Fra Giuseppe qatta' ħajtu jgħallem il-mediċina, Patri Arkanġelo qatta' tiegħu fil-missjoni fl-Art Imqaddsa u nħawi oħra tal-Lvant. Jidher li kien diġà fil-missjoni mal-1676. F'erbgħin sena ta' ħidma missjunarja, huwa għamel żmien superjur f'Arimatea, kien Gwardjan f'Nazaret, u ħadem u għallem f'San Ġwann t'Akri u Ħarissa fejn kien sar magħruf bħala wieħed li kien kapaċi jitkellem u jipprietka tajjeb bl-Għarbi. Għamel żmien kappillan f'Ġerusalemm (1677-78). Fis-Sirja kien serva bħala Kummissarju Appostoliku f'Aleppo, fejn kien hemm kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù, bejn l-1684 u l-1688, waqt li fl-Eġittu serva bħala Superjur u wkoll bħala Viċi Prefett Appostoliku tal-Missjoni fil-Kajr.

Fil-missjoni sar magħruf fost il-patrijiet għalliema tal-Għarbi u għall-ħidma tiegħu fost in-nies u negozjanti li kienu jmorru hemm. Fl-Eġittu dak iż-żmien kien hemm taħlita ta' nies u kummerċjanti, anke Ewropej, li kienu jagħmlu negozju b'mod partikulari fix-xiri u bejgħ tal-ilsiera kif ukoll fil-qoton. Meta Patri Arkanġelo kien il-Kajr, irnexxielu jneħħi t-tensjoni li kien hemm bejn il-patrijiet Osservanti u dawk Riformisti. Barra dan, baqa' msemmi għall-ħidma tiegħu li wasslet għall-konverżjoni ta' Samuele Capasulis minn Chio, il-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Lixandra.

Patri Arkanġelo kien meqjus bħala wieħed mill-'professuri tal-ilsien Għarbi' ma' patrijiet oħra fl-Art. Imqaddsa. Hu ħalla għadd ta' manuskritti u kitbiet reliġjużi bl-Għarbi. Kien qaleb għall-Għarbi il-*Leggendario Francescano* ta' Mazzara f'erba' volumi li fl-1729 ħuh, Fra Giuseppe kien tahom lill-Kunvent Franġiskan tal-Belt fejn għadhom jinżammu fl-arkivju. (Aquilina, p. 581)

Patri Arkanġelo miet fil-Kajr fit-23 ta' Novembru 1715. Jitqies bħala wieħed mill-akbar missjunarji Maltin. Pittura ritratt tiegħu kienet tinsab fil-kuritur tal-Università l-antika fil-Belt. Fra Giuseppe wkoll ta tagħrif dwar ħuh Patri Arkanġelo fl-*Elogia Illustrium Melitensium*.

Bla dubju l-aħwa Zammit jibqgħu magħrufin għall-ħidmiet tagħhom f'oqsma differenti imma wkoll b'rabta ma' Ħal Balzan.

## Riferenzi


Aquilina Ġorġ OFM: *Il-Franġiskani Maltin (ta' Ġieżu)* (2011)
Azzopardi Sant Eduardo: *Melita Melitensium: Raccolta di varie notizie biografiche-storiche* (1931)
Bezzina Carmel: *Ħal Balzan u l-Lunzjata u kitbiet oħra* (2011
Vincent Borg: *Melita Sacra III.I The Maltese Diocese during the 17th century* (2015)
Cassar Paul: Medical *History of Malta* (1965)
Dimech Dun Ġwann: *Ħal Balzan Ġrajjietu sal-1999* (2004)
Ellul Micallef Roger: Tobba Maltin matul iż-żminijiet f'T. Cortis (ed.) *Kungress Nazzjonali: L-Identità Kulturali ta' Malta* (1989)
Farrugia Randon Stanley: *History of the Foundation of the School of Anatomy and Surgery – Malta Medical Journal*, Vol.18, no.4 (2006)
Vella Andrew: *The University of Malta* (1969)
Zammit Winston L.: *Fra Giuseppe Zammit in Portrait Gallery, Heritage*, no. 62 (1986)